

31985D0474

L 284/1

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

24.10.1985

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI****tas-16 ta' Settembru 1985****dwar applikazzjonijiet għal ħlas lura u l-ħlas bil-quddiem fejn għandhom x'jaqsmu ċerti miżuri sabiex tkun aġġustata l-kapaċità fis-settur tas-sajd**

(85/474/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

*Artikolu 2*

Wara li kkunsidra it-Trattat li waqqaf l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 83/515/KEE ta' l-4 t'Ottubru 1983 dwar ċerti miżuri sabiex tkun aġġustata l-kapaċità fis-settur tas-sajd <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari Artikolu 10(4) tiegħu,

Billi applikazzjonijiet għall-ħlas lura u ħlas bil-quddiem li għandhom ikunu sottomessi mill-Istati Membri lill-Kummissjoni jrid ikun fihom ċerti partikolari li juru li l-ispiża tkun konformi mad-Direttiva 83/515/KEE u tirrelata ma' miżuri approvati mill-Kummissjoni skond Artikolu 7 ta' dik id-Direttiva;

Billi, sabiex ikun jista' jsir kontroll effettiv, l-Istati Membri jridu jżommu d-dokumenti ta' sapport li fuq il-bażi tagħhom l-għajnuniet kienu kalkulati skond id-dispożizzjoni tal-Kummissjoni għal perjodu ta' tliet snin wara l-ħlas tal-ħlas b'lura finali;

Billi, sabiex jingħata effett lill-possibilità li għandha l-Kummissjoni li tagħmel ħlas bil-quddiem, iridu jsiru regoli dettaljati u proċeduri;

Billi l-miżuri speċifikati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Industrija tas-Sajd,

ADDOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Applikazzjonijiet għal ħlas b'lura kif imsemmi f'Artikolu 10(1) ta' Direttiva 83/515/KEE għandhom ikunu konformi mat-tabelli f'Annexi 1, 2 u 3.

(<sup>1</sup>) ĠU L 290, tat-22.10.1983, p. 15.

L-Istati Membri għandhom iżommu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni għal perjodu ta' tliet snin wara l-ħlas tal-ħlas b'lura finali d-dokumentazzjoni relevanti kollha jew kopji ċertifikati li għab-bażi tagħhom l-għajnuniet provduti f'Direttiva 83/515/KEE kienu kalkulati, u l-faxxikoli kompluti tal-benefiċjarji.

*Artikolu 3*

Applikazzjonijiet għal ħlas bil-quddiem imsemmija f'Artikolu 10(3) ta' Direttiva 83/515/KEE għandhom ikunu sottomessi mill-Istat Membru relevanti. Tali applikazzjonijiet għandhom isiru fil-forma mniżżla f'Anness 4.

*Artikolu 4*

1. Ħlasijiet bil-quddiem m'għandhomx ikunu aktar minn 25 % ta' l-ammont ta' spiża eliġibbli li tkun mistennija fis-sena li fiha dan il-ħlas ikun jirrelata.

2. Ħlasijiet bil-quddiem li ma jintużawx fis-sena li fiha jkunu tħallsu għandhom ikunu mnaqqa mill-ħlas bil-quddiem li jseħħ fis-sena ta' wara. Il-Kummissjoni tista' titlob l-Istat Membru konċernat li jrodd lura parti, jew il-ħlas bil-quddiem kollu magħmul fejn dan it-tnaqqis ma jkunx possibli.

*Artikolu 5*

1. Fi tmiem ta' kull sena li fiha jsir ħlas lilhom, l-Istati Membri għandhom jstabbilixxu rapport dwar l-operazzjonijiet li jkunu saru matul dik is-sena.

2. Ħlasijiet bil-quddiem għas-sena li tkun tmiss m'għandhomx isiru sakemm ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 ikun ġie sottomess lill-Kummissjoni.

*Artikolu 6*

Il-lista ta' bastimenti li għalihom il-*premium* tat-tmiem finali jkunu ġie mogħti għandu jkun pjanat bl-użu ta' formula li mudell tagħha qiegħed f'Anness 5. Għandha tkun mogħtija lill-Kummissjoni qabel l-applikazzjoni għall-ħlas lura.

*Artikolu 7*

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul Brussel, fis-16 ta' Settembru 1985.

*Għall-Kummissjoni*

Frans ANDRIESEN

*Viċi-President*

## ANNEX 1

**APPLIKAZZJONI GĦAL ĦLAS B'LURA TA' SPEJJEŻ RELATAT MA' 19. SKOND DIRETTIVA  
TAL-KUNSILL 83/515/KEE**

**TABELLA SOMMARJA**

*(fil-munita nazzjonali)*

1	2	3	4	5	6
Natura tal-qies	Għajjnuna mħallsa mill-Istati Membri	Ammont ta' l-ispiża eliġibbli	Ħlas b'lura eliġibbli applikati għalih	Ħlas bil-quddiem diġà magħmul mill-Komunità	Bilanċ li għandu jkun rimborżat
Tnaqqis permanenti tal-kapaċità					
Tnaqqis temporanju tal-kapaċità					
Total					
Għajjnuna koperta mill-Istati Membri <sup>(1)</sup>					
Total nett					

<sup>(1)</sup> Aġhti d-dettalji fuq folja mehmuża

Hawnhekk qed jiġi konfermat li:

**Dispożizzjonijiet dwar il-miżuri kollha**

- l-ispiża fejn jidħol l-ħlas b'lura li jkun ġi applikat għal relatati mal-miżuri approvati mill-Kummissjoni f'Deċiżjoni Nmr N°..... ta'.....
- benefiċjarji għandhom ikunu mgħarrfa bil-mod xieraq dwar il-persentaġġ tal-kontributt finanzjarju tal-Komunità.

**Dispożizzjonijiet li jikkonċernaw miżuri li jinvolvu tnaqqis permanenti tal-kapaċità**

Ħlas lura jkunu applikati biss fejn għandhom x'jaqsmu bastimenti tal-baħar li t-tul tagħhom bejn il-perpendikolari huwa ta' 12-il metru jew aktar li jkunu jistadu għal minn ta' l-anqas 100 jum matul s-sena kalendarja ta' qabel l-applikazzjoni għall-premium tat-tmiem finali.

Din l-awtorita ħadet il-passi meħtieġa sabieġa tiżgura li bastimenti li għaliho premium finali tat-tmiem ikun tħallas u li huma mniżla fl-Anness ikunu permanentement imbarrati milli jistadu fl-ibħra tal-Komunità.

**Dispożizzjonijiet dwar miżuri li jinvolvu t-tnaqqis temporanju tal-kapaċità**

Ħlas lura għandu jkun applikat biss fejn għandhom x'jaqsmu bastimenti li l-perpendikolari tagħhom huma 18-il metru jew aktar li kienu ġew kummissjonati wara l-1 ta' Jannar 1958. Bastimenti li għalihom ħlas b'lura tal-premium tat-twaqqif ġie applikat għal sajd għal minn ta' l-anqas 120 ġurnata matul is-sena kalendarja ta' qabel l-ewwel applikazzjoni għall-premium tali.

Data, timbru u firma ta' l-awtorità kompetenti

## ANNEX 2

APPLIKAZZJONI GĦAL-ĦLAS B'LURA TA' SPEJJEŻ RELATATI MA 19... SKOND ARTIKOLU  
3 TA' DIRETTIVA 83/515/KEE (TNAQQIS TEMPORANJU TAL-KAPAĊITÀ)

Benefiċjarji tal-miżura	Numru ta' bastimenti			Numru totali ta' ġranet żarmata	Numru totali ta' ġranet supplementari żarmata <sup>(1)</sup>	Numru ta' perijodi ta' żarmar, kemm jekk konsekuttivi jew le			Għajmuna mħallsa mill-Istati Membri, eleġibbli għall-kontribuzzjoni ta' finanzi tal-Komunità	Ħlas b'lura applikat għal
	18 to 24 m	24 to 33 m	> 33 m			45 sa 90 jum	90 sa 180 jum	> 180 jum		
A. ORGANIZZAZZJONI TA' PRODUZZJONI <sup>(2)</sup>										
B. BENEFIĊJARJI OĦRA <sup>(3)</sup>										
Total										

(1) F'dak li għandu x'jaqsam mal-medja, reġistrar u evalwar b'rata baxxa għal kategorija tal-bastiment, tal-ġranet żarmata f'liet snin ta' kalendarju li jiġu qabel l-ewwel applikazzjoni tal-premium

(2) Isem tal-kumpanija jew taqsira

(3) Port ta' reġistrazzjoni, port tal-posti jew, fejn xieraq, dipartiment tal-ħut.

## ANNEX 3

**APPLIKAZZJONI GĦALL-ĦLAS LURA TA' L-ISPIŻA RELATAT MA' 19... SKOND ARTIKOLU 5 TAD-DIRETTIVA 83/515/KEE  
(TNAQQIS PERMANENTI TA' KAPAĊITÀ)**

Port jew dipartiment tal-ħut	Numru ta' bastimenti	Tunnellaġġ reġistrat bil-grossa	Għajjnuna mħallsa mill-Istati Membri	Għajjnuna eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità (f'munita nazzjonali)	Ħlas b'lura applikat għal

## ANNEX 4

## APPLIKAZZJONI GĦAL-ĦLAS BIL-QUDDIEM TA' 19... SKOND ID-DIRETTIVA 83/515/KEE

## A. Miżuri temporanji li jinvolve t-naqqis temporanju tal-kapaċità ta' produzzjoni

1	2	3
Bastimenti (stima tan-numru)	Total stima ta' perijodi eleġibbli ta' żarmar (ġranet)	Valur ta' referenza medju ta' bastimenti konċernati (f'munita nazzjonali)

1. Nefqa eliġibbli li mistennija  
issir f'19 = ..... (f'munita nazzjonali)
2. Ammont ta' ħlas bil-quddiem li għalih  
saret l-applikazzjoni (massimu ta' 25 % ta' 1) = ..... (f'munita nazzjonali)

## B. Miżuri temporanji li jinvolve t-naqqis temporanju tal-kapaċità ta' produzzjoni

1	2	3		
Stima ta' bastimenti (numru)	Total mistenni ta' perijodi eleġibbli ta' żarmar (GRT)	Użu finali mistenni bħala persentaġġ tan-numru		
		Ruttam	Bejgħ lil pajjiżi terzi	Raġunijiet għajr sajd

1. Nefqa eliġibbli li mistennija  
issir f'19 = ..... (f'munita nazzjonali)
2. Ammont ta' ħlas bil-quddiem li għalih  
saret l-applikazzjoni (massimu ta' 25 % ta' 1) = ..... (f'munita nazzjonali)

Data, timbru u firma ta' l-awtorita kompetenti

## ANNEX 5

## DESKRIZZJONI TA' KULL BASTIMENT LI GĦALIH INGĦATA PREMIUM TAT-TMIEM FINALI

1. Identifikazzjoni qabel ma jsir it-trasferiment:

L-isem tal-bastiment jew l-aħħar numru ta' reġistrazzjoni: .....	Kodiċi tar-radju (jekk jeżisti): .....
.....	LOA: .....
Is-sena li fih inbena: .....	LPP: .....
Tarzna: .....	GRT: .....
Għamla tal-bastiment: .....	HP jew kW: .....

2. Data li fih tneħħa mir-reġistru ta' bastimenti tas-sajd

Tmiem ta' l-użu:

- ruttam
- trasferiment definittiv lejn terz pajjiż <sup>(1)</sup>
- assenjazzjoni għal għanijiet lill hinn minn sajd <sup>(2)</sup>

3. L-ammont ta' premium inħallas mill-Istat Membru: ..... (f' munita nazzjonali)

Qed jiġi hawn ċertifikat li l-informazzjoni mogħtija hawn fuq dwar il-bastiment inkwistjoni hija akkurata u skond il-fatti.

Data, timbru u firma ta' l-awtorità kompetenti

\_\_\_\_\_

<sup>(1)</sup> Pajjiż destinatari: .....

<sup>(2)</sup> Tip t'attività futura speċifika: .....